MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1936/2000/2

**Fl-atti tac-Citazzjoni numru 1936/00GC, deciza fl-4 t'April 2003 u l-appell tas-socjeta' konvenuta dikjarat desert fis-7 ta' Frar 2006.**

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited (C 4729)**
**vs**
**Springfield Company Limited (C 10531)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat tat-13 ta' Gunju 2012 li jaqra hekk:

"*Illi s-socjeta' esponenti taghmel riferenza ghall-kawza u s-sentenza hawn fuq citata.*

*Illi s-socjeta' esponenti tirrileva illi ghaddew oltre il-hames snin mid-data tal-imsemmija sentenza u per konsegwenza din is-sentenza m'ghadix aktar esegwibbli skond il-ligi.*

*Illi s-socjeta' esponenti tirrileva illi hija ghad ghandha interess illi tesegwixxi tali sentenza.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob li ai termini ta' l-Atikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta joghgobha tirrendi esegwibbli s-sentenza hawn fuq indikata u dana taht dawk il-provvedimenti li hi jidhrilha xierqa w opportuni."*

Rat id-digriet tat-18 ta' Gunju 2012;

Rat is-sentenza ezebita tal-4 t'April 2003;

Rat l-assenjazzjoni tal-S.T.O. Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri tas-16 ta'Jannar 2013;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Jannar 2013 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh;

Rat l-affidavit tas-socjeta' rikorrenti E.C.B Hotel & Catering Equipment Limited tal-5 ta'Frar 2013;

Rat in-nota tat-12 ta' Frar 2013, tas-socjeta' intimata li biha , is-socjeta' intimata irremettiet ruhha ghal kull decizjoni ta' din il-Qorti.

Rat it-talba ghal-korrezzjoni tas-socjeta' attrici tat-18 t'April 2013;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti tat-30 t'April 2013;

Rat illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bit-talba tal-korrezzjoni u ma irregistrat ebda oppozizzjoni;

**Ikkonsidrat:**

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-Artikolu 253(a) u l-Artikolu 258(a) tal-Kap.12.

Jirrizulta li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta tal-4 t'April 2003, fil-kawza fl-ismijiet E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited (C 4729) vs Springfield Company Limited (C 10531) (Citaz. Nru. 1936/2000/1 GC) ghaddiet in gudikat. Ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv ai termini tal-Art.253(a) tal-Kap.12.

Jirrizulta mill-affidavit ta' Adrian maghruf bhala Andrew Cutajaripprezentat fil- 5 ta' Frar 2013, illi s-socjeta' intimata baqghet debitrici tas-socjeta' E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited fis-somma ta' tnejn u erbghin elf disa' mija erbgha u tletin Ewro u tmienja u disghin centezmu (€42,934.98) apparti l-imghax legali mit-30 ta' Gunju 2000 sad-data ta' hlas effettiv, u l-ispejjez legali. Infatti Adrian Cutajar ikkonferma bil-gurament illi s-socjeta' intimata qatt ma hallset xejn minn dak dovut (vide affidavit fol 127).

Billi s-sentenza baqghet ma gietx ezegwita, u ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita, il-kaz jaqa` fil-parametri tal-Art.258(a) tal-Kap.12.

Illi permezz tan-nota tas-socjeta' intimata tat-12 ta' Frar 2013, l-istess socjeta' intimata irrimetiet ruhha ghal kull decizjoni ta' din il-Qorti (vide fol 119), u ebda oppozizzjoni ma giet intavolata ghar-rigward tal-korrezzjoni mitluba.

**Ikkonsidrat:**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, u mehud kont tan-nota tas-socjeta' intimata tat-12 ta' Frar 2013, il-Qorti tilqa` t-

talba tas-socjeta' rikorrenti kif koretta, bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------